# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru 20**

**Rikors Numru 974/11 AF**

**Jokate Group of Companies Limited [C6881]**

**v.**

**Catherine Portelli, armla ta' Joseph u b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' April, 2012, il-Qorti laqghet it-talba biex stante l-mewt ta' Catherine Portelli l-atti tal-kawza jigu trasfuzi f'isem Maria Consiglia sive Miriam mart Edward Paris, Joseph u Ivan ahwa Portelli;**
**u Miriam Paris mart Edward, Joseph Portelli, Ivan Portelli, ahwa Portelli**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-intimati minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Gunju 2014 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:

"Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddecidi t-talba ta' Jokate Group of Companies Limited billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa' l-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba u tipprefiggi terminu ta' xahar mill-lum sabiex l-intimati jressqu l-pretensjonijiet taghhom. Il-Qorti taqta' u tiddecidi l-kontro-talba billi, filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni ta Jokate Group of Companies, tichad it-talbet. L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali."

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

2. Il-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat illi din hija kawza ta' jattanza mibdija minn Jokate Group of Companies fir-rigward ta' garage li hija tipposjedi u li fuqha l-intimati qed jivvantaw dritt. L-intimati wiegbu billi sostnew li l-proprjetà hija taghhom. Isostnu wkoll li ma humiex sodisfatti l-elementi rikjesti biex tirnexxi kawza. L-intimati, meta wiegbu, ressqu minn naha taghhom, in linea rikonvenzjonali, talba identika fil-konfront tar-rikorrenti li wiegbu li fil-konfront taghhom il-kawza ma tistax issir. Jghidu wkoll illi ma jezistux l-elementi essenzjali skond il-ligi.

"Ikkunsidrat illi l-Art. 403 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

*"Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik ilpretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni."*

"Fil-kawza Pickard vs Anderson (deciza mill-Imhallef J. R. Micallef fis-7 ta' Lulju 2010), gie ritenut illi:

*"Illi bħala konsiderazzjonijiet legali dwar din l-azzjoni, jibda biex jingħad li l-azzjoni ta' Jattanza jew, kif ukoll magħrufa, tal-Millantazzjoni tapplika fejn persuna, f'att gudizzjarju jew xort'oħra bil-miktub, tippretendi li għandha xi jedd kontra persuna oħra. Din tal-aħħar, jekk trid teħles minn tali pretensjoni, għandha l-jedd li tressaq azzjoni sa mhux iżjed tard minn sena minn mindu ssirilha l-pretensjoni, kontra min għamilha, biex il-qorti tordna lil min jippretendi l-jedd li jressaq l-azzjoni għad-definizzjoni ta' dak il-jedd innifsu fiż-żmien mogħti mill-istess qorti."*

"L-iskop ta' kawza ta' jattanza gie spjegat hekk fil-kawza Parnis vs Parnis (14.7.1999 P.A. N.A.):

> *"Illi l-iskop uniku legali u socjali tal-istitut ta' Jattanza huwa li l-kontestazzjonijiet jigu rizolti. Il-Ligi ma tridx li thalli l- pretensjonijiet fl-arja kif lanqas ma trid li persuna tivvessa persuna ohra bi pretensjonijiet li ma jingiebu qatt quddiem il-Qorti kompetenti ghas-smigh u determinazzjoni."*

"L-elementi rikjest sabiex trnexxi kawza ta' jattanza huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Fil-kawza ricenti Agius et vs Meilaq gew elenkati kif gej:

"*a. L-attur irid ikollu pusses, almenu de facto u prima facie tal-oggett li jkun qed jikkawtela (Vol XX-II-338);*

"*b. Il-konvenut ikun bil-miktub ressaq pretensjoni fuq l-oggett (Vol XXXII-II- 287 u XLII-II-1146.);*

"*c. Il-pretensjoni trid tkun spontanea u mhux provokata bl-agir tal-attur – Vol XXIV-II-358 u XXXI-I-494 u Madliena Developments Limited vs Ufficju Kongunt (Prim Awla 6 ta' Frar 2004).*

"*d. Il-pretensjoni trid ikollha l-karattru li tista tigi esercitata b' azzjoni gudizzjara (Vol-XXXIII-II-287).*

"*e. Il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat (l-istess kawza indikata f'd.)*

"*f. Il-pretensjoni ma ghandiex tkun kondizzjonata jew tiddependi minn fatt li jista jigri u ma jigrix (Vol- XVI-II-85 u XXI-I-6).*

"Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ghandha ragun. Jirrizulta pruvat illi l-garage mertu ta' din il-kawza jinsab fil-pussess tal-istess Jokate Group of Companies. Jinfed ma' mhazen ohra tal-istess group u l-bieb tieghu imbarrat (ara xhieda ta' Aldo Portelli a fol. 41). Din ix-xhieda ma gietx kontradetta. Jirrizulta wkoll illi fis-27 ta' Jannar 2011 giet intavolata ittra ufficcjali fil-konfront ta' Jokate Group of Companies u Aldo Portelli fejn Jokate intalbet tizgombra mill-garage ghaliex gie ritenut f'dik l-ittra li l-garage huwa proprjetà tal-mittenti (intimati odjerni) (ara. dok. a fol. 5).

"Ghalhekk din il-Qorti tqis li t-talba ta' Jokate hija gustifikata u jisthoqqilha tintlaqa'.

"Ghar-rigward tal-kontro-talba, din il-Qorti tqis li din ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi kif interpretata tul iz-zmien minn dawn il-Qrati. L-intimati rikonvenzjonanti ma gabu ebda prova dwar il-pussess ta' proprjetà mertu tal-kawza. Anzi, kif intqal aktar 'il fuq, is-socjetà Jokate ppruvat

> ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi l-garage *de quo* huwa fil-pussess taghha u ilu hekk ghal snin twal. Ghalhekk il-Qorti tqis li t-talba maghmula in linea rikonvenzjonali m'hijiex misthoqqha u ghalhekk il-Qorti m'hijiex ser tilqaghha."

**<u>L-Appell</u>**

3. Dan hu bazat fuq zewg aggravji principali, wiehed ta' natura procedurali u l-iehor jirrigwarda l-meritu tal-kaz. L-aggravju procedurali jikkonsisti f'zewg ilmenti: wiehed ibbazat fuq il-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f'kap separat kif trid il-ligi fl-Artikolu 370 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli ["Kodici tal-Procedura"], u l-iehor hu bazat fuq il-fatt li fis-sentenza l-okkju tal-kawza ma giex aggustat wara li kien inghata d-digriet tal-25 ta' April 2012 li permezz tieghu, stante l-mewt tal-intimata Catherine Portelli, l-atti gew trasfuzi f'isem intimati l-ohra.

*L-ewwel aggravju*

4. Din il-Qorti ser tibda billi tezamina l-ewwel ilment procedurali tal-intimati li jirrigwardja l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni indikata fl-Artikolu 403 tal-Kodici tal-Procedura, ghax jekk jirrizulta li dan l-ilment huwa gustifikat, allura mhux il-kaz li jigu trattati l-kumplament tal-aggravji tal-intimati.

5. Din il-parti tal-aggravju hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 730 tal-Kodici tal-Procedura li jaqra hekk:

> "**730.** L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, *res judicata*, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu."

6. L-intimati jsostnu li n-nuqqas fis-sentenza appellata li tissemma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u li din tigi trattata f'kap separat kif irid l-artikolu fuq citat ghandu jwassal ghan-nullita` tas-sentenza.

Min-naha taghha s-socjeta` rikorrenti tirribatti billi tghid mhuwiex minnu li l-ewwel Qorti ma kienitx trattat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni wkoll. Tant hu hekk li fis-sentenza ssemma' bhala fatt li fis-27 ta' Jannar 2011 kienet giet intavolata ittra ufficjali mill-intimati. L-istess socjeta` tghid ukoll li, jekk jitqies li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx u ma ddecidietx dwar il-materja tal-preskrizzjoni, allura ghall-appell odjern josta dak kontemplat fl-Artikolu 234 tal-Kodici Civili.

*Konsiderazzjonijiet ulterjuri*

7. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li l-ewwel Qorti ddisponiet mill-"eccezzjonijiet", hija ma semmiet xejn dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li skont il-ligi kellha tigi deciza f'kap

separat. Ghalhekk f'dan ir-rigward is-sentenza appellata hija monka ghax tmur kontra dak li espressament jrid l-Artikolu 730.

8. Inoltre, u b'aktar enfazi, din il-Qorti tinnota li, ghalkemm fis-sentenza appellata hemm indikat bhala fatt li kienet giet intavolata ittra ufficjali, fl-ebda parti tas-sentenza appellata m'hemm indikat li dik il-Qorti kienet fil-fatt hadet konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimati, f'ebda parti ta-sentenza, la fil-parti preliminari u lanqas fil-korp taghha, ma ssemmiet din l-eccezzjoni. Mill-banda l-ohra ma jistax jigi injorat il-fatt li fil-parti dispozittiva tas-sentenza hemm indikat li l-ewwel Qorti trattat l-"eccezzjonijiet tal-intimati" u ghalhekk ma hux il-kaz ta' *omissa decisio*.

9. Ukoll, din il-Qorti tosserva li l-fatt li fis-sentenza ssemma' li kienet saret l-imsemmija ittra ufficjali fl-imsemmija data jissodisfa wiehed mir-rekwiziti rikjesti mill-Artikolu 403 tal-istess kodici b'mod partikolari dak tal-pretensjoni maghmula, izda, dak il-fatt wahdu m'huwiex sufficjenti sabiex jitqies bhala trattat ir-rekwizit taz-zmien rikjest fl-istess artikolu. Fis-sentenza ma hemm xejn indikat dwar il-perjodu ta' sena li fih kellha ssir il-kawza, minkejja li kienet sollevata eccezzjoni specifika ta' dan ir-rigward.

10. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju hija fondata u qed tigi milqugha. In vista ta' din il-konkluzjoni, mhux il-kaz li l-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kumplament tal-aggravji.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet fuq premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-intimati, tiddikjara nulla s-sentenza appellata u tordna li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df